**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**v**

**COLIN TONNA**

**Illum 27 ta’ Novembru, 2001**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **COLIN TONNA** ta' disgha w ghoxrin sena bin Francis u Catherine nee Delicata, imwieled Pieta nhar l-hdax ta' Settembru, 1972 u joqghod 'Villa Frankit', Triq il-Buskett, Dingli, detentur tal-karta tal-identita numru 440972M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar snin b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. f'Malta f'dawn l-ahhar snin bil-hsieb li jikseb ghalih nnifsu jew ghall-haddiehor l-hlas ta' sigurta kontra r-riskji jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun, hwejjgu u cioe l-vettura tal-ghamla Volgswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni J-9038;

2. talli fl-istess zmien u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elf lira maltin ghad-dannu tas-socjeta assikurattrici Thomas C. Smith, u persuni ohra;

3. talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel in-numru tax-*chassis* tal-vettura tal-

ghamla Volgswagen Golf vann bin-numru ta' registrazzjoni J-5360;

4. talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

5. talli ddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkellha bil-qerq, holoq t-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak r-reat kien sar.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 6 tal-atti odjerni sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega li nhar l-wiehed u tletin ta' Dicembru, 1998 il-Pulizija kienet ghamlet spezzjoni fil-garaxx bl-isem 'Frankit Garage', f'Hal Qormi fejn sabu Volgswagen Golf li allegatament kellha n-numru tax-*chassis* imbaghbas. Minn aktar stharrig rrizulta li f'din il-karozza kien hemm sett pjanci ta' registrazzjoni bin-numru J-9038, li meta gew iccekjati mar-records tal-Ufficju tal-Licenzji, rrizulta li dawn il-pjanci kienu jghajjtu vettura tal-ghamla Volgswagen Golf ohra li kienet giet rappurtata misruqa fis-sebgha w ghoxrin ta' Lulju, 1993 minn sidha l-imputat, bin t-tifel tas-sid tal-garaxx in kwistjoni.

Illi Francis Tonna, sid il-garaxx mitlub mill-Pulizija jghaddi dokumentazzjoni ta' Golf li nstabet fil-garaxx tieghu, tahom *log-book* li kien fih dettalji dwar l-vettura Volgswagen bin-numru ta'

registrazzjoni J-5360, u f'dan il-*log book* in-numru tax-*chassis* muri fil-vettura misjuba fil-garaxx tieghu.

Illi skond ma **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** kif jirrizulta ta' fol 12 tal-atti, Francis Tonna qallu li kien xtara din il-vettura Volgswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni J-5360 f'April, 1995 u ghall-ewwel kien tefgha l-applikazzjoni mal-Ufficju tal-Licenzji sabiex jittrasformah f'vann izda wara ttrasferih fuq bintu Jacqueline Stafrace. Illi l-istess xhud Spettur Maurice Curmi kompla jispjiega li nhar l-erbgha ta' Awissu, 1995, Jacqueline Stafrace regghet ghamlet talba biex tikkonverti dan il-Golf minn *commercial* ghal *private use* billi jitwahhal hgieg fil-gemb u f'April, 1996 din il-vettura giet spezzjonata minn PS 726 Greengrass li hareg l-*inspection form* u fl-ghoxrin ta' Ottubru, 1997, din il-vettura giet trasferita minn fuq Jacqueline Stafrace ghal fuq Frankit Garage.

Mir-ricerka li ghamel l-Ispettur rrizulta wkoll li l-vettura Volgswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni J-5360 kienet tappartjeni lil Alexander Ghigo qabel ma giet mixtrija minn Frankit Garage ghas-somma ta' mitejn u hamsin lira maltin. Dan kien

allegatament qal lil Pulizija li l-vettura kienet garrbet hsarat kbar u kien tefghaha f'barriera tieghu u fil-fatt kien hemm xi tfal li kienu harquha minn gewwa billi kienu jilghabu fiha. Fil-fatt Frankit Limited ma kien xtara xejn hlief x-*shell* ghaliex quddiem kien kollu nieqes.

Minn aktar stharrig mizmum mill-Pulizija Ezekuttiva rrizulta li f'din il-vettura Volgswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni J-5360 instab *manual* bin-numru ta' registrazzjoni B-598 XGN li jirrapprezenta in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li kien ottjena l-imputat u cioe` il-vettura tieghu Golf bin-numru ta' registrazzjoni J-9038 li rrapporta misruqa.

**PC 1401 Joseph Pisani xehed** fis-sebgha w ghoxrin ta' ottubru, 1999 kif jirrizulta a fol 24 tal-atti fejn kkonferma li fis-sebgha w ghoxrin ta' Lulju, 1993, Colin Tonna kien rrapporta li l-vettura tieghu tal-ghamla Volgswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni J-9038 kien insteraqlu minn Triq l-Ursolini, Gwardamangia.

**George Baldacchino xehed** fit-tnejn ta' Dicembru, 1999 kif jirrizulta a fol 29 tal-atti, fejn kkonferma li huwa kien habat b'vettura tal-ghamla Volgswagen bajda proprjeta ta' Alexander Ghigo fis-sena cirka 1994, hames snin qabel ma ta x-xhieda tieghu u bhala rizultat tal-habta, l-vettura tieghu kienet *written off*. Huwa ma kienx f'posizzjoni jghid x'ghamel biha Alexander Ghigo wara l-habta.

**Brian Farrugia, rappresentant tal-Ufficju tal-Licenzji xehed** fis-seduta tat-tnejn ta' Dicembru, 1999 kif jirrizulta a fol 33 tal-atti odjerni, fejn ippresenta z-zewg files li ghandu d-dipartiment dwar il-vetturi Volgswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni J-5360 proprjeta ta' Frankit Limited u Golf bin-numru ta' registrazzjoni J-9038 li kienet proprjeta` ta' Colin Tonna.

Minn ezami ta' dawn iz-zewg files jirrizultaw is-segwenti:

a. Illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni J-9038 dahlet Malta mill-Ingilterra minn Raymond Agius li joqghod Haz Zabbar u fit-tmintax ta' Awissu, 1986 il-Pulizija Maltija fl-ufficju MT Office ta' Notre Dame Ditch

ghamlulha spezzjoni minn fejn rrizulta li l-*engine number* taghha kien JPO 58088 u x-*chassis number* taghha kien WVW ZZZ 19ZEW 651886.

b. Illi fid-dsatax ta' Jannar, 1989 Raymond Agius biegh din il-vettura lil Charles Filletti minn B'Kara u fis-sebgha w ghoxrin ta' Jannar, 1992, dan Charles Filletti biegh il-vettura lil imputat odjern.

c. Illi fit-tletin ta' Dicembru, 1991 Colin Tonna xtara minghand Frankit Limited magna tal-Volgswagen bl-*engine number* ZB093470 u din il-magna tpoggiet fil-vettura tieghu Volgswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni J-9038 kif jirrizulta mid-dokument tal-Pulizija esibit a fol 43 tal-atti nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1991.

d. Illi skond korrispondenza tas-socjeta assikuratrici Thomas C. Smith, l-imputat ircieva s-somma ta' tlett elef tlett mija u hamsin lira maltin ghall-vettura li kienet insterqitlu kif anke kkonferma Dottor Philip Manduca viva voce l-Qorti nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu,

2000 u kif jirrizulta a fol 106 tal-atti processwali odjerni.

e. Illi l-vettura l-ohra, li kienet ta' Alexander Ghigo giet impurtata minnu fit-tmintax ta' April, 1998 u kellha *chassis number* WWW ZZ 19ZE W671876 bla *engine number* kif jirrizulta mid-dokument esibit a fol 96, ghalkemm fic-certifikat tal-*export* mahrug minn Londra l-*engine number* taghha hu HK188751. Din giet trasferita fuq Jacqueline Stafrace ghan-nom ta' Frankit Limited fil-wiehed u ghoxrin ta' Lulju, 1994, kif jirrizulta a fol 84.

f. Illi skond in-*notice of transfer* tal-Pulizija kif jidher fir-ritratti esibiti a fol 83 tal-atti, din il-vettura ma kelliex quddiem w in-*number plate* ma kienx imwahhal ghalkemm jidher li kien J- 5360.

g. Illi fit-tmintax ta' April, 1995, Francis Tonna ghan-nom ta' Frankit Limited, talab li ssir *conversion* u cioe li jiftah it-twieqi tal-gemb tal-vettura, liema applikazzjoni giet irtirata minnu fit-tmienja ta' Lulju, 1995 kif jirrizulta a fol 80 tal-atti odjerni.

h. Stranament a fol 79 tal-atti jidher li hemm *notice of transfer* datat erbatax ta' Gunju, 1995 fuq din l-istess vettura minn fuq Francis Tonna ghal fuq Jacqueline Stafrace personalment.

i. Illi fl-erbgha w ghoxrin ta' Gunju, 1995, Jacqueline Stafrace talbet li taghmel l-konversjoni mitluba qabel dwar bdiel fit-twieqi u din giet approvata fit-tnejn u ghoxrin ta' Frar, 1996 kif jirrizulta a fol 71.

j. Illi fl-erbgha w ghoxrin ta' April, 1996 din il-vettura kellha spezzjoni mill-Ufficju tal-Licenzji u n-numru tal-*engine* u tax-*chassis* baqghu bhal dawk indikati fl-*entry permit* u fil-*log book*.

k. Illi fl-ghoxrin ta' Ottubru, 1997 din il-vettura regghet inbieghet minn Jacqueline Stafrace lil Francis Tonna ghan-nom ta' Frankit Limited u fit-tletin ta' Ottubru, 1997 giet iggaraxxjata fil-garaxx tas-socjeta f'Mill Street, Qormi w d-dipartiment kien ircieva il-*plates* ta' din il-vetura skond kif ffirmat minn Loranne Higgins ghan-nom tal-Ufficju tal-Licenzji.

**Alexander Ghigo stqarr** li huwa kien silef l-vettura tieghu lil George Baldacchino u dan habat biha. Huwa halliha ghal xi zmien fil-barriera tieghu pero wara certu zmien sab xi vendikazzjonijiet fuqha u ghalhekk baghtha ghand Frankie Tonna ghal xi tiswijiet. Huwa kien ghamel t-*transfer* b'mod regolari u stqarr li peress li kellu biss polza *third party* ma kienx thallas ghal habta li fiha kien involut George Baldacchino.

**PS 727 Joe Muscat xehed** fis-sebgha w ghoxrin ta' Marzu, 200 kif jirrizulta a fol 110 tal-atti fejn ppresenta kopja tal-okkorrenzi dwar l-incident stradali li sehh fit-tlettax ta' ottubru, 1993 bejn il-vettura Volgswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni J-5360 u zewg karozzi ohra, vann u Austin. Minn ezami tal-iskizz jirrizulta li verament il-habta li kellha l-vettura Volgswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni J-5360 kienet fuq quddiem u li dakinhar veru kien biha George Baldacchino.

**L-imputat xehed f'dawn il-proceduri** u fil-fatt giet anke esibita l-istqarrija li huwa rrilaxxja nhar ls-sitta ta' Mejju, 1999 liema stqarrija tinsab esibita a fol 18 tal-atti odjerni markata bhala

dokument MC 5. L-imputat, fl-istqarrija tieghu ghogbu ma jaghti ebda spjiegazzjoni ghal mistoqsijiet li gew imposti lilu u strah biss fuq il-fatt li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. **Pero meta xehed fil-hamsa ta' Marzu, 2001** huwa spjiega li jahdem fil-garaxx Frankit Limited. Huwa spjiega l-fatt li meta serqulu l-vettura kienu serquihlu minghajr *plates* ghaliex kien nehhihomlha biex jaghmel xi xoghol fuqha u kellu johrog biha urgenti ghaliex martu kienet l-isptar, u meta hareg biha fil-jum li giet misruqa ma kienx pogga il-*plates*.

Fl-ewwel lok il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-vettura li nstabet fil-garaxx bl-isem Frankit kellha pjanci ta' registrazzjoni numru J-9038. Irrizulta li dawn kienu jghajjtu vettura li kienet giet rappurtata misruqa fis-sebgha w ghoxrin ta' Lulju, 1993 minn certu Colin Tonna. Illi din il-vettura giet fotografata kif jirrizulta mid-dokument MC 1 a fol 15 tal-atti. Missier l-imputat tahom dan il-*log book* li jghajjat lil vettura bin-numru ta' registrazzjoni J-5360 pero stranament dan l-*log book* jinsab inserit fil-file tal-Ufficju tal-Licenzji (a fol 67 tal-atti) u ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Ispettur jghid li dan l-*log book* gie moghti lilu u molto piu, jekk gie

muri lilu, kif ma ppresentahx il-Qorti. Ghalhekk il-Qorti ma hiex f'posizzjoni li ticcekkja u tara jekk f'dan l-allegat *log book* li allegatament inghata lil Ispettur hemm verament mnizzel numru ta' *chassis* li jikkorrispondi ghal vettura li kien hemm fil-garaxx. In oltre, l-Ufficjal Prosekutur jghid li f'postijiet madwar in-numru tax-*chassis* kienu jidhru inqalghu u regghu twahhlu ghaliex allegatament kien hemm welding madwaru. Dan l-istat ta' fatt ma giex ppruvat b'mod sodisfacenti ghaliex la gew esibiti ritratti dwar dan, la hemm relazzjoni ta' xi espert tekniku li jindika dan; fl-atti ma hemm xejn, salv l-kelma tal-Ufficjal Investigattiv.

Il-Prosekuzzjoni lanqas ma ressqet xi rappresentant tas-socjeta` Frankit Limited biex jispjiega s-sejba ta' din il-vettura Volgswagen Golf fil-garage taghha.

L-Ufficjal Prosekutur lanqas ma rnexxilu jipprova n-nexus li qed jipprova jaghmel bejn il-vettura misjuba fil-garaxx ta' Frankit Limited mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni J-5360 li kienet giet misruqa u l-imputat odjern, ghaliex ma ppruvax l-konnessjoni tal-

imputat mal-garaxx fejn instabet din il-vettura salv li missier l-imputat huwa direttur tas-socjeta Frankit Limited.

L-Ufficjal Prosekutur esibixxa *manual* markat bhala dokument MC 2 u fuq il-kopertina tas-*service schedule* bil-pinna kien hemm mitub in-numru B598 YGN u kien jghajjat lil vettura li kellu Colin Tonna u giet misruqa.

Pero il-Qorti ma tistax tifhem kif il-Prosekuzzjoni qed tipprova torbot il-*manual* li jghajjat lil vettura li giet misruqa ta' Colin Tonna u misjub fuq vettura Volswagen Golf iehor f'garaxx ta' Frankit Limited, mieghu fis-sens tal-akkuzi odjerni.

Illi meta Colin Tonna rrapporta li nsterqitlu l-vettura qatt ma qal li ma kellux l-*manual*.

In oltre il-Qorti tistaqsi; ghandu x'jaqsam l-imputat mal-vettura misjuba fil-garaxx Frankit?

Il-Prosekuzzjoni esibit l-pjanci tal-vettura ta' Colin Tonna u cioe numru J-5360 u l-*log book*. Colin Tonna ta spjegazzjoni dwar il-*plates* fix-xhieda tieghu, u cioe li kien hu li qala l-*plates* minn fuq il-vettura tieghu meta giet misruqa.

Il-Qorti bir-rispett kollu ma thossx li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-akkuzi taghha fil-konfront tal-imputat odjern, semmai jista jkun l-kaz li setghu gew inizjati proceduri fil-konfront tas-socjeta Frankit Limited. In-nexus bejn l-imputat u l-garaxx ta' fejn instabet il-vettura ma giex ppurvat lanqas remotament.

Il-Prosekuzzjoni kull ma rnexxilha tipprova hu li l-*plates* u *l-manual* li nstabu fil-garaxx ta' Frankit Limited kienu tal-imputat, pero xejn aktar, ma ppruvatx li l-Golf li nstabet fil-garaxx kienet tieghu.

Il-Qorti rat l-artikolu tal-ligi u cioe l-artikoli 295, 308, 309, 310, 189, 188, 110 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Tiddeciedi billi tiddikjara li ma ssibx lill-imputat COLIN TONNA hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minnhom.**

**Il-Qorti rat li tul dawn il-proceduri ma kien hemm hatra tal-ebda espert u ghalhekk it-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi michuda.**

**Consuelo Scerri Herrera LL.D**
**Magistrat**